MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2004

Numru 604/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonnici)**

**vs**

**DAVID GRECH**

**Illum 25 ta' Mejju, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom David Grech ta' 25 sena bin Jacob u Carmen nee Brignone, mwieled il-Pieta, nhar l-1 ta' Lulju 1978, residenti jew fil-fond numru 121, Triq l-Oratorju, Bormla inkella gewwa fond numru 16 Triq Guliermu, Bormla, w detentur il-Karta ta' l-Identita bin-numru 311578(M), gie akkuzat:

(a) Talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-2 ta' Marzu, 2003 ghall-habta tal-4.00 a.m. w fil-gimghat qabel, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffumati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw. (Sezz. 183 Tal-Kap. 9).

(b) Talli fl-istess perjodu w cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-Artiklu 183 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta (Sezz. 184 tal-Kap. 9).

(c) Talli nhar it-2 ta' Marzu, 2003 ghall-habta tal-4.00 a.m. gewwa Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema, saq vettura ta' ghamla Seat Ibiza bin-numru tar-registrazzjoni IAA-185 minghajr ma kienet koperta b'Polza tas-sigurta dwar ir-riskji tat-terzi persuni. (Sec. 3(1) Chap. 104).

(d) Talli fl-istess jum, hin u lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura Nru. IAA-185 minghajr ma kienet licenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq. (licenza mhux imgedda). (Sec. 15(1)(a)(3) Chap. 65).

(e) Saq l-imsemmija vettura Nru. IAA-185 b'manjiera traskurata, w

(f) b'manjiera perikoluza. (Sec. 15(1)(a)(2) Chap. 65).

(g) Saq l-imsemmija vettura Nru. IAA-185 kontra s-sinjali tat-traffiku ndikati f'dik il lokalita. (L.N. 94/69).

(h) Saq l-imsemmija vettura Nru. IAA-185 minghajr ma kien qed jaghmel uzu mis-'Seat Belt' (L.N. 129/95).

Il-Prosekuzzjoni talbet li minbarra li tigi moghtija l-piena stabbilita f'kaz ta' htija, tordna li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' mhux inqas minn tnax il-xahar.

Semghet provi.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. MB2 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat illi fis-Seduta tas-6 ta' Awissu, 2003 l-imputat fil-prezenza ta' l-avukat tieghu ammetta l-akkuzi (c), (d), (g) u (h).

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu rigwardanti l-akkuzi (c), (d), (g) u (h) u tat lill-imputat ftit taz-zmien sabiex jerga' jikkonsidra tali ammissjoni u wara li rega' gie mistoqsi jekk jikkonfermax tali ammissjoni rigwardanti l-akkuzi (c), (d), (g) u (h), l-imputat rega' wiegeb li hu hati ta' l-akkuzi (c), (d), (g) u (h).

Semghet trattazzjoni.

Illi fis-Seduta tas-6 ta' Awissu, 2003 l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Bonnici xehed illi fit-2 ta' Marzu 2003 u dan ghall-habta tal-4.00 a.m. waqt li zewg ufficjali tal-Pulizija kienu qeghdin gewwa l-ghassa ta' Sliema u cioe` PS 1136 Fabian Fleri u Pulizija huma semghu karozza li kienet gejja u kienet qed issuq b'mod li kien irrejzjat. Dan il-fatt gibdilhom l-attenzjoni u huma hargu barra mill-ghassa. U nnutaw karozza tal-marka Seat Ibiza kulur iswed bin-numru tar-registrazzjoni IAA 185 u li kienet qeghda tinstaq hdejn l-Ghassa u kienet niezla kontra s-sinjali tal-one way fi Triq Manwel Dimech, Sliema. Huma waqqfu lix-xufier u li jirrizulta li kien l-imputat li l-istess Spettur stqarr li qed jaghraf fl-awla. Dawn kellmuh u dan kien qalilhom li hu ma kienx jaf l-akwati u kien ha zball. Meta imbaghad il-Pulizija pprocedew biex jiccekkjaw il-licenjza tal-vettura

rizultalhom li fir-realta` din kienet skadiet nhar it-30 ta' Settembru 2002, u dan kemm in kwantu ghal-licenzja kif ukoll in kwantu ghal insurance. Wara li rrizulta li l-licenzja u l-insurance kienu skadew fl-imsemmija data, il-Pulizija qalghu r-road licence li kien hemm fuq il-windscreen tal-karozza stante li din kienet tindika li tiskadi f'Jannar 2003 fejn deher bl-aktar mod car fis-sens li l-imsemmija licenzja kienet iffalsifikata u cioe` stante li x-xahar u s-sena li tindika l-iskadenza fuq l-istess licenzja huwa car li saru b'jem marker mhux bil-printing normali u originali li jsir mid-dipartiment koncernat kif ukoll fuq l-imsemmija licenzja hemm imwahhlin, fis-sens zewg bicciet karti bhala karta jikkorrispondu ghal bicciet ta' karti maqtughin minn fuq log book u fuq bicca karta li qeghda mwahhla fuq ix-xahar u l-annu u cioe` January 03 hemm numru li jikkorrispondi mal-vettura li kienet qeghda tigi misjuqa mill-imputat u cioe` n-numru IAA 185. Filwqt li l-bicca karta l-ohra li hija mwahhla taht ix-xahar u l-annu din tindika hemm is-segwenti miktub C156221 liema karta hija mwahhla fuq il-licenzja u allura qed tghatti kliem li jindikaw xi isem. Inoltre qal li waqt li kien qed jigi mistoqsi domandi mis-Surgent u mill-Pulizija l-imputat kien ammetta li t-tbaghbis fuq il-licenzja kien ghamilhom hu minhabba li ma kellux flus biex ihallas l-imsemmija licenzja, u dan ghamlu sabiex meta l-karozza tkun ipparkjata barra l-Pulizija ma jindunawx li l-licenzja kienet maghluqa. Tali licenzja mbaghad giet mghoddija lill-Ispettur Mario Bonnici mill-Pulizija. Il-vettura nzammet l-Ghassa sakemm imbaghad giet ittowjata. Waqt id-depozizzjoni tieghu huwa esebixxa l-licenzja li kienet imwahhla fuq il-windscreen tal-vettura msemmija bhala Dok. MB4 u esebixxa wkoll bhala Dok. MB5 l-Okkorrenza tal-Pulizija. Zied jghid illi l-Hadd ta' qabel ma xehed, cjoe` fit-3 ta' Awissu, 2003, u dan ghall-habta ta' l-10.00 a.m. huwa tkellem ma' l-imputat David Grech, li jaghraf prezenti fl-Awla, u wara li tah is-solita twissija huwa staqsih xi affarijiet fuq il-kaz. Ghall-ewwel l-imputat wiegbu li hu kien xtara windscreen ta' karozza b'licenzja mwahhla mieghu u wahhal din il-windscreen minflok il-windscreen tieghu liema windscreen tieghu kien hazin fejn ghalkemm kien jaf li dik il-licenzja ma kinitx tikkorrispondi mal-vettura tieghu u kien induna wkoll li kienet iffalsifikata hu baqa' jaghmel uzu minnha minhabba

li ma kellux biex ihallas il-licenzja. Pero` imbaghad x’hin l-Ispettur Mario Bonnici ezamina l-imsemmija licenzja gibidlu l-attenzjoni li n-numru tar-registrazzjoni fuq din il-licenzja jikkorrispondi mal-vettura tieghu hu mbaghad biddel il-verzjoni fis-sens li ammetta li dawk iz-zewg bicciet karti li diga` irrefera dwarhom fid-depozizzjoni tieghu kien ghamilhom hu. Qal li l-imputat kien qallu wkoll li kien iffalsifika l-imsemmi dokument, esebit bhala Dok. MB4, u dana minhabba li kellu problemi ta’ flus. Mistoqsi mill-Ispettur Bonnici jekk jaghrafx l-istess dokument u cioe` l-licenzja esebita bhala Dok. MB4 bhala dak li kien fuq il-windscreen tal-karozza tieghu kienx dak li hu kien iffalsifika, l-imputat wiegeb li kien hu. In kontro-ezami fuq mistoqsija ta’ l-avukat difensur u cioe` in kwantu ghal Dok. MB4 jekk meta l-Ispettur Bonnici ra din il-licenzja kienx wasal ghall-konkluzjoni li kienet ovvja li kienet falsifikata, huwa rrisponda li meta tali licenzja tkun imwahhla fuq windscreen din mhux facilment wiehed jinduna li hija falsifikata pero` imbaghad meta tigi ezaminata fil-vicin allura mbaghad tidher li tkun falsifikata. Zied jghid illi din hija opinjoni tieghu ghaliex hu effettivament qatt ma ra din il-licenzja mwahhla fuq il-windscreen tal-karozza.

Fl-istess Seduta tas-6 ta’ Awissu, 2003 xehed PC 1592 Daniel Busuttil li qal illi fit-2 ta’ Marzu 2003 ghall-habta tal-4.00 a.m. huwa kien qieghed go l-Ghassa Sliema flimkien ma’ PS 1136 is-Surgent Fleri u semghu hoss ta’ karozza tirreffja. Hargu barra l-Ghassa u sabu karozza sewda tat-tip Seat reg. number IAA 185 niezla ghal go Manwel Dimech Street, Sliema kontra l-one way. Zied jghid li l-karozza kienet niezla mghaggla u ma jiddefinihiex bhala bi speed eccessiv pero` kienet niezla mghaggla. Huma waqqfu l-vettura u kellmu lix-xufier li kien certu David Grech u li jaghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Huma staqsewh jekk kienx jaf li hu kien niezel kontra l-one way u qalilhom li ma kienx mill-inhawi u tfixkel fit-toroq. Ix-xhud ma ftakarx ezatt jekk l-imputat kienx liebes seat belt jew le. Wara ccekkjaw jekk l-insurance u l-licenzja tal-karozza kinitx imhallsa u rrizultalhom li dawn kienu ghalqu fit-30 ta’ Settembru 2002. Bhala procedura ccekkjaw il-licenzja ta’ mal-windscreen u huma gihom suspett li l-licenzja li kien hemm imwahhla fuq il-windscreen dehret qisha

imbaghbsa. Peress li kien id-dlam qalghuha u mbaghad rawha fid-dawl u rrizultalhom li l-licenzja kienet imbaghbsa fin-numri. Ix-xhud PC 1592 Daniel Busuttil gie muri d-Dok. MB4 u kkonferma li din hija l-licenzja ta’ fuq il-windscreen li huma elevaw mill-vettura Seat IAA 185 misjuqa mill-imputat fl-okkazzjoni msemmija. Huma kellmu lill-imputat dwar din il-licenzja u ippreciza li huma lill-imputat kienu tawh it-twissija skond il-Ligi u din il-licenzja hu kien irrisponda illi, ghal domanda taghhom jekk hu kienx baghbas din il-licenzja, l-imputat kien irrispondihom li kien hu li baghbas din il-licenzja u qalilhom li kien ghamel hekk minhabba li ma kellux flus. Inter alia qal li in kwantu ghar-rizultanzi li l-iskadenza tal-licenzja kienu fit-30 ta’ Settembru 2002, dan kien irrizultalu wara li kienu indunaw li l-licenzja ta’ fuq il-windscreen kienet imbaghbsa u li in kwantu ghal din il-licenzja ta’ fuq il-windscreen meta wiehed ikun qed jaraha bhala wiehed ikun qed ihares normali lejn il-windscreen wiehed jghaddiha bhala li tkun licenzja valida pero` mbaghad meta wiehed jezaminaha fil-vicin is-suspett li tkun falsifikata mbaghad johrog. Zied jghid li Triq Manwel Dimech, Sliema, hija triq arterjali u traffikuza kontinwament u anke bil-lejl u li fil-kaz tal-hin li huma kienu ndunaw bl-imputat qed isuq u cioe` fl-4.00 a.m. dik it-triq kien ghaddej traffiku minnha wkoll. It-traffiku ghaddej kien inqas milli solitament ikun filghodu. Konsegwentement qal li bhala fatt l-imputat kien qabad it-triq biex jinzel ghal go Manwel Dimech kontra l-one way f’hin li t-traffiku kien ghadu tiela’ minn dik it-triq. In kontro-ezami, fuq domanda ta’ l-avukat difensur, ix-xhud qal illi kien induna bil-windscreen tal-karozza li kien hemm il-licenzja fuqu li ssuspetta li tali licenzja setghet kienet falsifikata meta huwa tramite t-torch resaq fil-vicin sew ta’ dina l-licenzja u raha fil-vicin tramite l-uzu ta’ torch. Hemmhekk imbaghad gieh suspett li din il-licenzja setghet kienet falsifikata. Kompla jghid li kif hu ghamel it-torch fuq il-licenzja u hares lejha mill-vicin mill-ewwel gieh suspett li din il-licenzja setghet kienet falsifikata. Huwa u s-Surgent kienu hargu mill-Ghassa ghax kienu semghu karozza li kienet gejja b’certu speed u li kien hemm irrezjar li beda jaghmel hsejjes tali li rawh stramb dak il-hin. B’hekk hargu mill-Ghassa. L-irrezjar kien hsejjes tal-

magna. Zied jghid li fil-mument li huma waqqfu lill-imputat li kien niezel ghal go Manwel Dimech Street, Sliema vetturi telghin minn go Manwel Dimech dak il-hin ma kienx hemm.

Illi fis-Seduta tas-26 ta' Novembru, 2003 xehed Brian Farrugia, rapprezentant tat-Traffiku u tal-Licencing & Testing Directorate fejn qal illi fuq talba biex jaghmel verifiki dwar il-karozza registration number IAA 185 tal-marka Seat Ibiza ta' kulur iswed li din tghajjat lil Spiru Mifsud, I.D. Number 706261(M) u ilha tghajjat lil dan mit-18 ta' Settembru 2002 u ghadha hekk sa llum. Dwar l-iskadenza ta' din il-karozza in kwantu ghal-licenzja din il-licenzja skadiet f'Settembru 2002 u li minn dak in-nhar 'l hawn ghadha ma thallsitx.

PS 1136 Fabian Fleri xehed illi fit-2 ta' Marzu 2003 ghall-habta tal-4.00 a.m. huwa kien xoghol fl-Ghassa ta' Ta' Sliema flimkien ma' PC 1592 Daniel Busuttil. Hu u l-kollega tieghu kienu gewwa l-Ghassa meta ghall-habta tal-4.00 a.m. semghu karozza li kienet gejja fid-direzzjoni ta' l-Ghassa u kienet qed tinstaq b'velocita` qawwija. Huma hargu fil-parapett ta' l-Ghassa u barra, fil-parti ta' barra ta' quddiem ta' l-Ghassa, huma raw din il-vettura gejja min-naha ta' Rudolph Street ghal quddiem l-Ghassa b'velocita` kbira u hin minnhom ix-xufier ta' din il-karozza dawwar il-karozza ghan-naha li tinzel ghal Manwel Dimech Street li hija kontra l-one way. Huma lix-xufier ghamlulu sinjal biex jieqaf u hu kien waqaf iktar 'l isfel u hu waqaf gewwa Manwel Dimech Street. Dan waqaf qisu 10 metri 'l isfel mill-kantuniera ta' l-Ghassa. Qal li huma nnutaw li l-karozza kienet Seat ta' kulur iswed Reg. Number IAA 185. Huwa mar ikellem lix-xufier li kien David Grech, I.D. 311578(M) liema persuna l-istess Surgent iddikjara li qed jaghraf fl-Awla. Huwa qal li fil-karozza l-imputat kien wahdu u s-Surgent qallu li kien ghaddej bis-sahha u kien ghadda wkoll kontra l-one way u l-imputat irrispondih li ma kienx jaf l-akwati u allura tfixkel. Hu deher mifxul. Huma mbaghad staqsewh fuq min hi registrata l-karozza u hu qalilhom li kien ghadu kemm xtraha. Meta huma ccekkjaw id-dettalji tal-karozza fuq il-kompjuter ta' l-Ghassa huma mill-kompjuter ta' l-Ghassa

rrizultalhom li dan kellu r-road licence u l-insurance tal-vettura skaduti mit-30 ta' Settembru 2002 u wkoll il-karozza ma kinitx tghajjat f'isem l-imputat bhala sid. Imbaghad huma ccekkjaw ir-road licence li kien hemm mal-windscreen tal-karozza u dan innutaw li kien hemm miktub 03. Ir-road licence li kien hemm fuq il-windscreen ma deherx normali. Is-Surgent qal li huwa gibed l-attenzjoni ta' l-imputat dwar dan u qallu biex jaqla' l-licenzja minn mal-windscreen u jghaddihielu. Il-licenzja kienet imwahhla b'tape. L-imputat qala' l-licenzja u taha lis-Surgent f'idu u s-Surgent innota li dan in-numru 3 kien irrangat bil-biro. Innota wkoll li fuq l-istess licenzja, li giet esebita u mmarkata bhala Dok. MB4, li l-imputat qala' minn fuq il-windscreen u ghaddihielu u meta mbaghad hu ezaminaha ra li din ghandha n-numru IAA 185 illi deher li kien imwahhal fuq din il-licenzja u l-istess ukoll rigwardanti n-numru li hu indikat bhala C156221. Huwa mbaghad dahhal lill-imputat l-Ghassa, taht it-twissija skond il-Ligi u mbaghad staqsih x'jaf fuq din il-licenzja li kien qala' minn fuq il-windscreen. L-Imputat wiegbu li ma kellux flus biex ihallas ir-road licence u l-insurance u ghamel din u cioe` il-licenzja li hu kien qala' minn fuq il-windscreen biex ma jinqabadx mill-Pulizija hu u jsuq. Is-Surgent zamm il-licenzja li hu qala' minn fuq il-windscreen, li giet esebita u mmarkata bhala Dok. MB4, u mbaghad taha lis-superjuri tieghu. Il-karozza wkoll inzammet hdejn l-Ghassa sakemm gie u ttiehdet b'tow truck u hadha l-imputat. Huwa esebixxa wkoll l-Okkorrenza li giet immarkata bhala Dok. FF1. In kwantu ghal-licenzja li hija esebita Dok. MB4 qal li meta kienet imwahhla mal-windscreen, il-qtugh ta' madwar in-numri, allura kien qed jirreferixxi ghal numri li hemm fuq u ittri li huma IAA 185 u C 156221, dawn it-truf ta' dawn kif inhu maqtugh meta tkun imwahhla mal-licenzja ma jidhrux. Li deher u ghalhekk hu issuspetta li kien li deher imbaghbas in-numru 3 li hija parti mill-kliem Jan 03, u qal li anke dwar dan in-numru 3 wiehed irid ikun qed jara l-licenzja mill-vicin biex ikun jista' jara li dan ikun imbaghbas.

Illi l-Qorti sejra taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

Fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li l-akkuzat ma ammettiex l-akkuzi (a), (b), (e) u (f), filwaqt li ammetta l-akkuzi (c), (d), (g) u (h). Tosserva li l-akkuzi li gew ammessi, gew hekk ammessi fi stadju bikri tal-proceduri.

Illi l-linja difensjonali rigward l-akkuzi (a) u (b) hi impernjata fuq it-tesi li l-abbli difensur issolleva fit-trattazzjoni u cioe` l-iskriminanti tal-grossolanita` tal-falsifikazzjoni ta’ dokumenti.

Dwar dan l-aspett il-Qorti hi tal-fehma li m’hemm l-ebda dubbju li d-dokument falsifikat hu dokument pubbliku. Inoltre tiddikjara li mill-provi prodotti jirrizulta b’mod sodisfacenti li l-imputat iffalsifika dan id-dokument u dan qed jinghad rigward l-akkuza (a) u li ghamel uzu mill-istess dokument iffalsifikat u dan in rigward tal-akkuza (b).

Il-Qorti sejra wkoll taghmel referenza ghas-segwenti Sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali rilevanti ghal dan il-kaz:

(a) *Il-Pulizija vs Paul Bonnici* deciza fit-30 ta’ Gunju, 1961, Qorti tal-Appelli Kriminali, per Onor. Imhallef W. Harding, fejn gie ritenut illi f’materja ta’ falsifikazzjoni ta’ dokumenti l-iskriminanti tal-grossolanita` tal-falsifikazzjoni ma hix applikabbli meta l-falsifikazzjoni tkun saret f’dokument pubbliku; u ghalhekk mhix applikabbli f’kaz ta’ falsifikazzjoni ta’ licenzja tas-sewqan, ghax din hi dokument pubbliku.

(b) *Il-Pulizija vs Carmelo Borg*, deciza fis-26 ta’ Jannar, 1984, Qorti tal-Appell Kriminali, per Onor. Imhallef Carmel A. Agius, fejn il-Qorti, *inter alia*, qalet: “L-Avukat Generali fir-rikors ta’ l-appell tieghu iccita zewg sentenzi ta’ din il-Qorti u cioe` dawk in re “Re vs. Vittoria Gauci” riportat fil-Volum XXXI.IV.375 u in re “Re vs Joseph Rizzo (XXXI.IV.341). F’dawn is-sentenzi u partikolarment fl-ewwel wahda kien gie deciz illi meta l-falsifikazzjoni ta’ dokument hija grossolana u m’hiex idonea biex tinganna, imma d-dokument falsifikat huwa pubbliku, hemm fil-fatt tal-falsifikazzjoni n-nokument, li jikkonsisti fil-pregudizzju li jigi kagunat lill-interessi legittimi tac-cittadin mill-offiza

ghall-fiducja pubblika. Infatti kif jghid l-Arabia (Principi del Diritto Penale pag 179 ediz 1859), “nel faso in pubblica scrittura il pregiudizio e` presunto”; u fil-pag 173 – “Le falsita` in pubblica scrittura presundono dal “prejudicium alterius”.

Din il-Qorti kif issa presjeduta ma thossx li jista’ jkun hemm ragonamenti u argumenti legali sodi bizzejjed biex jigi skoss il-principju li gie stabbilit bis-sentenzi fuq citati u ghalhekk taqbel ma’ l-istess principju.”

(c) *Il-Pulizija vs Nicholas Ciantar*, deciza fil-21 ta’ Marzu, 1985, Qorti tal-Appelli Kriminali, per Onor. Imhallef Carmel A. Agius, fejn il-Qorti rriteniet: “Illi kif ga kellha opportunita` f’okkazzjonijiet precedenti tesprimi ruhha fuq din il-materja jidher li llum hu stabbilit mill-gurisprudenza taghna li ghalkemm id-difiza tal-grossolanita` tal-falz hija difiza tajba fil-kazijiet normali meta pero` si tratta ta’ att jew dokument awtentiku u pubbliku din id-difiza m’ghandha ebda valur ghaliex bis-semplici fatt tal-falsifikazzjoni jkun hemm in-notament li f’kazijiet simili jikkonsisti fil-pregudizzju li jigi kagunat lill-interessi legittimi tac-cittadin mill-offiza ghall-fiducja pubblika.”

Konfortata b’din l-iskorta ta’ gurisprudenza, il-Qorti hi tal-fehma li l-linea difensjonali f’din il-kawza dwar l-iskriminanti tal-grossolanita` tal-falsifikazzjoni tad-Dok. MB4 ma hix applikabbli ghax id-Dok. MB4 qieghed fil-parametri msemmija fis-Sentenzi hawn fuq riferiti.

Rigward ir-reati addebitati lill-imputat bl-akkuzi (a) u (b) il-Qorti tiddikjara li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova dawn l-akkuzi fil-konfront tal-imputat. Hawn issir referenza ghall-brani mid-deposizzjoni ta’ PC 1592 Daniel Busuttil, li fis-Seduta tas-6 ta’ Awissu, 2003, *inter alia*, xehed illi: “Nghid illi fit-2 ta’ Marzu 2003 ghall-habta tal-4.00 a.m. jien kont qieghed go l-ghassa Sliema, mieghi kien hemm PS 1136 is-Surgent Fleri u smajna hoss ta’ karozza tirreffja. Hrigna barra mill-ghassa u sibna karozza sewda tat-tip Seat reg number IAA 185 niezla ghal go Manuel Dimech Street Sliema kontra l-one way. Nghid li l-karozza kienet niezla mghaggla u ma niddefinihiex bhala bi speed

eccessiv pero` kienet niezla mghaggla.  Ahna waqqafna l-vettura u kellimna lix-xufier li kien certu David Grech li qed naghrfu bhala l-imputat prezenti fl-awla.”

“. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .”  “Bhala procedura ccekkjajna l-licenzja ta’ mal-windscreen u ahna giena s-suspett li l-licenzja li kien hemm imwahhla fuq il-windscreen dehret qisha imbaghbsa, peress li kien id-dlam qlajnieha u mbaghad rajniha fid-dawl u rrizultalna li l-licenzja kienet imbaghbsa fin-numri.  Qed nigi muri Dok. MB4 u nikkonferma li din hija l-licenzja ta’ fuq il-windscreen li ahna elevajna mill-vettura Seat IAA 185 misjuqa mill-imputat fl-okkazzjoni li qed insemmi.  Ahna kellimna lill-imputat dwar din il-licenzja.  Nixtieq nippreciza li ahna lill-imputat konna tajnih it-twissija skond il-Ligi u din il-licenzja hu kien irrisponda illi, nixtieq nghid li in kwantu ghad-domanda taghna jekk hu kienx baghbas din il-licenzja l-imputat kien irrispondiena li kien hu li baghbas din il-licenzja u qalilna li kien ghamel hekk minhabba li ma kellux flus”.

A skans ta’ ripetizzjoni il-Qorti taghmel ukoll referenza f’dan ir-rigward ghat-traskrizzjoni tad-depozizzjoni moghtija minn PS 1136 Fabian Fleri fis-Seduta tas-26 ta’ Novembru, 2003 u li tinsab minn fol. 23 sa 25 tal-Process (ara wkoll iktar qabel f’din is-Sentenza), kif ukoll ghat-traskrizzjoni tad-depozizzjoni moghtija mill-Ispettur Mario Bonello fis-Seduta tas-6 ta’ Awissu, 2003, u li tinsab minn fol. 9 sa fol. 12 tal-Process (ara wkoll iktar qabel f’din is-Sentenza).

F’dan l-istadju issir ukoll referenza ghal bran mill-okkorrenza tal-Pulizija esebita bhala Dok. MB5 u li tinsab a fol. 14 u 15 tal-Process.  F’din l-okkorrenza hemm, *inter alia*, imnizzel is-segwenti:  “THE POLICE CHECKED THE VEHICLE LICENCE AND FOUND THAT THE ROAD LICENCE AND INSURANCE WERE EXPIRED ON THE 30/09/2002.  THEY ALSO NOTICED THAT THE ROAD LICENCE OF SAME VEHICLE WAS TAMPERED WITH, WHEN THE DRIVER WAS SPOKEN TO SAME STATED THAT AS HE HAD NO MONEY HE HAD TAMPERED

WITH THE LICENCE SO THAT THE POLICE WOULD NOT NOTICED”.

Rigward l-akkuzi (e) li tirreferi ghal sewqan b’manjiera traskurata u (f) b’manjiera perikoluza l-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti brani minn Sentenzi tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali li huma rilevanti ghall-kaz in ezami:

(i) *Il-Pulizija (Spettur M. Buttigieg) vs Paul Magri*, deciza fid-19 ta’ Frar, 2003 per Onor. Imhallef Joseph Galea Debono, fejn, inter alia, il-Qorti qalet: “Illi jidher assodat illi n-nuqqas li ghandu jirrispondi ghalih l-appellant jikkonsisti fil-fatt li huwa ma waqafx kompletament fuq l-istop sign u, ghalkemm naqqas l-ispeed, baqa’ hiereg u kif – taqbel il-prosekuzzjoni – dan in-nuqqas jinkwadra ruhu aktar taht ir-reat ta’ sewqan b’manjiera traskurata milli dak ta’ sewqan perikoluz fejn skond il-gurisprudenza stabbilita jkun hemm bzonn ta’ grad ferm oghla ta’ sewqan hazin minn dak riskontrat fil-kaz in ezami.”

(ii) *Il-Pulizija versus Alfred Mifsud* deciza fis-6 ta’ Mejju, 1997 per Onor. Imhallef illum Prim’ Imhallef Vincent De Gaetano fejn il-Qorti, *inter alia*, qalet: “……, din il-Qorti hi tal-fehma li jkun utili li wiehed jiddistingwi bejn is-sewqan b’nuqqas ta’ kont, is-sewqan traskurat u s-sewqan perikoluz imsemmija fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 15 ta’ l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap 65) (*reckless driving, negligent driving* u *dangerous driving* fit-test Ingliz). **Sewqan traskurat** (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta’ sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta’ sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta’ esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-*Highway Code* li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta’ sewqan ta’ dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. **Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) ta’ l-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan “bi traskuragni kbira”. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta’ sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta’ traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m’ghandux jiehu minhabba l-

probabbilita` ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tal-riskji. **Sewqan perikoluz** *(dangerous driving*) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht it-tnejn jew iktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara ***The Police vs Charlotte Chamberlain***, Appell Kriminali, 21/5/96);"

Issa fil-kaz in disamina l-imputat stess ammetta l-akkuza li saq l-imsemmija vettura Nru. IAA-185 kontra s-sinjali tat-traffiku ndikati f'dik il-lokalita`. Mill-provi prodotti fil-fatt jirrizulta ampjament li l-imputat saq kontra l-one way.

Dwar l-ispeed li bih kienet miexja l-vettura misjuqa mill-imputat, PC 1592 Daniel Busuttil a fol. 16 tal-Process jghid fid-deposizzjoni tieghu (6/8/2003): "Hrigna barra mill-ghassa u sibna karozza sewda tat-tip Seat reg number IAA 185 niezla ghal go Manuel Dimech Street Sliema kontra l-one way. Nghid li l-karozza kienet niezla mghaggla u ma niddefinihiex bhala bi speed eccessiv pero kienet niezla mghaggla". F'dan ir-rigward PS 1136 Fabian Fleri fis-Seduta tal-26/11/2003 a fol. 23 tal-Process xehed illi: "Jien u l-kollega konna gewwa l-ghassa meta ghall-habta tal-4.00 am smajna karozza li kienet gejja fid-direzzjoni ta' l-ghassa u kienet qed tinstaq b'velocita` qawwija. Ahna hrigna fil-parapett ta' l-ghassa u nghid ahna hrigna barra fil-parti ta' barra ta' quddiem ta' l-ghassa u rajna din il-vettura gejja min-naha ta' Rudolph Street ghal quddiem l-ghassa b'velocita` kbira u hin minnhom ix-xufier ta' din il-karozza dawwar il-karozza ghan-naha li tinzel ghal Manuel Dimech Street li hija kontra l-one way."

Il-Qorti sejra issa ticcita bran mill-istess deposizzjoni ta' PC 1592 Daniel Busuttil moghtija fis-Seduta tas-6/8/2003 fejn a fol. 17 tal-Process dan ix-xhud jghid: "Nghid li Triq Manuel Dimech Sliema hija triq arterjali u traffikuza kontinwament u anke bil-lejl u nghid li fil-kaz tal-hin li ahna konna ndunajna bl-imputat qed isuq u cioe` fl-4.00 am dik it-triq kien ghaddej traffiku minnha wkoll. It-traffiku ghaddej kien inqas milli solitament ikun filghodu. Konsegwentement nghid bhala fatt li l-imputat kien qabad it-triq biex jinzel ghal go Manuel Dimech kontra l-one way f'hin li traffiku kien tiela' minn dik it-triq."

In kontro-ezami, l-istess xhud fl-istess Seduta (fol. 18 tal-Process), *inter alia*, qal: "Nghid ahna jien u s-Surgent konna hrigna mill-ghassa ghax konna smajna karozza li kienet gejja b'certu speed u li kien hemm irrezjar li beda jaghmel hsejjes tali li rajnih stramb dak il-hin. B'hekk hrigna mill-ghassa. L-irrezjar kien hsejjes tal-magna. Nixtieq nghid li fil-mument li l-imputat ahna waqqafnih meta kien qieghed niezel ghal go Manwel Dimech Street Sliema nghid vetturi telghin minn go Manuel Dimech dak il-hin ma kienx hemm."

Fil-fehma tal-Qorti, mehuda in konsiderazzjoni l-provi prodotti u fid-dawl tal-gurisprudenza nostrana in materja, l-akkuza (f) migjuba kontra l-imputat tissussisti, mentri l-akkuza (e) evidentement inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-akkuza (f). Hawn si tratta ta' sewwieq li minbarra li saq bi speed ta' certa konsistenza, saq ghal go triq kontra l-one way, liema triq hi certament traffikuza hafna u minkejja l-hin kien fl-4.00 am, kif qal PC 1592 dik it-triq hi traffikuza kontinwament u anke bil-lejl. Dan certament iwassal ghal konkluzjoni li s-sewqan tal-imputat kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom.

Inoltre l-Qorti thoss li ghandha wkoll tirrimarka li dan l-imputat saq l-istess vettura kif jirrizulta fuq l-ammissjoni ta' l-istess imputat minghajr ma tali vettura kienet koperta b'Polza tas-sigurta` dwar riskji tat-terzi persuni, minghajr ma l-istess vettura kienet licenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta biex

tintuza fit-triq (licenzja mhux imgedda) u minghajr ma l-istess imputat kien qed jaghmel uzu mis-'Seat Belt'. Inoltre fil-fehma tal-Qorti, l-imputat iffalsifika "road licence" u ghamel uzu minnha.

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti tiddikjara li l-akkuzi (a), (b), (c), (d), (f), (g) u (h) jirrizultaw kif dedotti kontra l-imputat.

Rat l-artikoli 17, 183 u 184 tal-Kap. 9, l-artikolu 3 tal-Kap. 104 kif vigenti fid-data tal-kommissjoni tar-reat, l-artikoli 15 (1) (a), 15 (2), 17 u 18 u t-Tieni Skeda tal-Kap. 65, ir-Regolament 2 tal-Avviz Legali 94 ta' l-1969 u r-Regolamenti 4 u 6 ta' l-Avviz Legali 129 ta' l-1995 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat David Grech hati tal-akkuzi (a), (b), (c), (d), (f), (g) u (h) migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat u li l-imputat ammetta l-akkuzi (c), (d), (g) u (h) fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat David Grech ghall-piena komplessiva ta' sentejn prigunerija u erba' mitt liri Maltin (Lm400) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat David Grech jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward l-akkuza (e) peress li din l-akkuza evidentement inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-akkuza (f), il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza.

Inoltre l-Qorti tiskwalifika lill-imputat David Grech milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat David Grech l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A (4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------